MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2009

Numru 951/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**Jsaon Coleiro**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Jason Coleiro** ta' 29 sena, bin Lawrence u Maria Dolores *nee'* Bartolo, mwieled Pieta', fl-24 ta' Mejju, 1975, residenti 57, Triq Kent, Fgura, u detentur tal-karta tal-identita numru 326775M;

Talli fil-15 ta' Lulju, 2004 u fit-3 t'Awissu, 2004, f'Santa Venera b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda lio jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin

b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew billi inqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi uyrejt haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq hadddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qliegh ta' aktar minn Lm1589 bi hsara ta' mark Vella;

Talli fl-istess, zmien, lok u cirkostanzi approprajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal haddiehor minn diversi oggetti ghal valur ta' madwar Lm1589, propjeta ta' Mark Vella li gew fdati jew ikkunsimmati lilek tahht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghek, jew minhabba depozitu necessarju;

Ra r-rinviju tal-avukat generali tad-19 t'Awissu 2005, li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun iggudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 18, 293, 294, 308 u 310 tal-Kap 9 kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz min din il-Qorti (verbal seduta 19/4/2006);

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi odjerni wara rapport minn certu Mark Vella li jiggestixxi hanut  ta' oggetti tal-plumbing u elettriku. L-imputat kien gia mgharuf mal-kwerelant bhala agent ta' xi kumpanija izda issa qal li kien involut fi progett il-Jerma Hotel ma' wiehed Sirjan bl-isem ta' Fargani u li kien qed jahdem taht kumpanija bl-isem ta' SSR u kien ukoll issuplixxa numru tal-VAT.  Fuq din l-informazjoni, l-kwerelant kien accetta li jtih xoghol bid-dejn ghall-30 gurnata u fil-fatt kien ghamel xirjiet fl-ammont ta' Lm1,589. Wara diversi talbiet ghall-hlas l-imputat kien offra li jaqta' ftit mid-dejn billi jaghtih oggetti bil-prezz ta' Lm20-il wiehed izda l-kwerelant ma accettax ghaliex dan ma setax ifornih

b'ricevuta. Minn dakinhar l-imputat ma deherx aktar ghand il-kwerelant u irrikorra ghall-ghajnuna tal-Pulizija. L-indirzz li l-imptuat iddikjara lill-kwerelant bhala r-residenza tieghu ma kienx veru u l-kumpanija SSR Ltd anqas biss kienet tezisti. L-istess jinghad ghan-numru tal-VAT supplit mill-imputat peress li dan ma kienx ghadu jkun operat. Il-Pulizija ivverifikat ukoll li ma kien qed isir ebda xoghol ta' dawl u ilma fil-lukanda Jerma;

Meta l-Pulizija kellmet lill-imputat, dan qal li kien xtara l-oggetti ghal wiehed Sirjan bl-isem ta' Hasan izda ma kienx jaf fejn joqghod dan l-individwu li tieghu kien kreditur.

Mark Vella xehed illi kien jaf lill-imputat bhala impjegat ta' ditta li kien jixtri minn ghandha. Wara xi zmien kien ipprezenta ruhu u qallu li qed jahdem ghal rasu u li kellu xi xoghol il-Jerma Palace Hotel u talbu jtih xi materjal fuq bazi ta' dejn ta' 30 gurnata. Vella qal li "peress li kont nafu accettajna" (vide fol 28). Mistoqsi jekk kienx jinteressah fejn kien ser juza dawn l-oggetti l-imputat, l-kwerelant wiegeb li ma kienx ta' interess ghalih u tah bid-dejn ghax kien jafu minn qabel, izda li kien progett kbir kien inducieh jestendi l-limitu u l-ammont.

Ufficjal mid-Dipartiment tal-VAT xehed illi l-imputat kien registrat mad-dipartiment bin-numru tal-VAT 15306332, izda fuq talba tieghu stess fl-1 ta' Gunju 2000 ma baqghax hekk registrat. Dan in-numru ma jaqbilx ma dak li l-imputat allegatament issuplixxa lil Mark Vella.

L-imputat xehed quddiem din il-Qorti u kkonferma l-istqarrija tieghu esebita in atti. Huwa qal li n-numru tal-VAT supplit mill-ufficjali tad-Dipartiment kien tieghu meta kellu hanut tal-computers u ma tax dak in-nurmu lil Mark Vella ghaliex in-numru ma kienx ghadu jintuza kif ukoll ghaliex ix-xoghol li ha minghand Vella ma kienx ghalih izda ghal Hasan li kien qallu biex juza in-numru tal-VAT li ta lil Vella.

Dwar Hasan, l-imputat qal li dan qatt ma kien ried jidher u ghalhekk kien jixtri l-oggetti ghalih ghaliex ma kienx

jinghata bid-dejn. Huwa qal li kien jixtri minghand diversi nies ghal Hasan u dan kien jiehu commission taghhom u kien ilu ghaddej hekk tul l-ahhar hames snin u qatt ma nqalghu problemi ma’ hadd izda f’salt wiehed dan Hasan sparixxa. L-imputat jghid li hu ha l-oggetti fuq l-isem ta’ SSR b’dak in-numru tal-VAT ghax Hasan kien qallu li dawk huma tieghu izda qatt ma vverifika dwarhom.

Dwar l-elementi tar-rejat, l-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kawza Il-**Pulizija vs George Manicolo, deciza fil-31 ta’ Lulju, 1998**, irriteniet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhijiex bizzejjed is-semplici gidba, il-kliem menzjonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-bidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att ,jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji. kwazi teatrali, u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici.

Meta isir trasposizzjoni ta’ dawn l-elementi fil-kaz in dizamina, l-unika haga li setghet tinduci lill-kwerelant jaghti dawn l-oggetti bid-dejn lill-impuat kien il-fatt li dan qallu li kellu progett kbir il-Jerma Palace Hotel. Ghal ezattezza, l-kwerelant qal li kien gia jaf lill-imptat u l-fatt li semmielu progett kbir inducieh biex izid fil-limitu tal-granet tad-dejn kif ukoll fl-ammont. Mill-bqija, l-kwerelant ma jghidx li kien indott jaghti dawk l-ammont bid-dejn ghax l-imputat semmielu isem ta’ kumanija jew tah numru tal-VAT. Principalment kien avda lill-imputat ghaliex kien jafu minn qabel meta kien impjegat ma’ ditta li kien jixtri minn ghandha.

Issa, dwar l-atti esterni kif elenkati mill-Qorti tal-Appell, ma jidhrix li l-imputat uza xi ismijiet foloz biex jikkonvinci lill-kwerelant itih l-oggetti bid-dejn. Fil-fehma tal-Qorti, r-

relazzjoni bejn l-imptuat u l-kwerelant ma tatix lok ghal-proceduri kriminali ghaliex hija wahda purament civili.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------